



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

18 ta' Jannar 2021

Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2019 tal-QEA

Sessjoni plenarja parzjali tal-Parlament Ewropew (Brussell)

18 ta' Jannar 2021

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.
Il-verzjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Il-President

Is-Sa Hohlmeier

Rapporteurs u Shadow Rapporteurs għall-Kwittanza,

Onorevoli Membri,

Kummissarju (Hahn),

Presidenza tal-Kunsill,

Sinjuri,

Qed ngħixu fi żminijiet diffiċli. Bħal dejjem fl-Unjoni Ewropea tagħna, kriżijiet kbar iwasslu għal passi kbar 'il quddiem u għal innovazzjonijiet li ftit xhur qabel biss konna naħsbuhom impossibbli.

Bis-saħħa tat-tenaċità ta' dan il-Parlament, id-deċiżjonijiet u l-ftehimiet il-kbar li jsawru l-finanzi tal-UE għas-seba' snin li jmiss ġew iffinalizzati fi żmien xieraq, u nieħu wkoll din l-opportunità biex nifraħ lill-Presidenza tal-Kunsill li se tintemm u lill-Kummissjoni. Issa nistgħu nistennew b'interess ir-ratifikkazzjoni, li nittamaw tkun rapida, tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji min-naħa tal-Istati Membri.

Huwa l-pjaċir tiegħi li ninsab hawn flimkien mal-kollega tiegħi Tony Murphy, il-Membru tagħna responsabbli għar-rapport annwali, biex nippreżenta u niddiskuti magħkom ir-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena 2019.

Minħabba ċ-ċirkustanzi speċifiċi dovuti għall-kriżi tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa, il-preżentazzjoni ta' din is-sena qed issir ftit aktar tard mis-soltu. Iżda dan jista' saħansitra jkun **vantaġġ** minħabba li issa l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit huwa avanzat sew fix-xogħol tiegħu fuq il-kwittanza. Il-fehim approfondit li ksibtu permezz tad-diversi seduti f'dawn l-aħħar ġimgħat jista' għaldaqstant jikkontribwixxi diġà għad-dibattitu tal-lum, u din mhijiex xi ħaġa ħażina.

Huwa partikolarment importanti li d-deċiżjonijiet politiċi li tiegħu jew li tagħtu l-kunsens tagħkom għalihom f'din l-Awla jiġu kkonkretizzati f'riżultati fil-prattika. Li intom tkunu tistgħu tiġġudikaw dak li ffunzjona tajjeb u dak li ma ffunzjonax, u kif l-affarijiet jistgħu jittejbu. Dan huwa l-punt fejn jidhru l-awditi dettaljati u indipendenti mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri.

Sa issa, is-sejbiet tagħna għas-sena 2019 huma magħrufin sew. Aħna qed inkomplu noħorġu opinjoni favorevoli kemm dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll dwar ir-regolarità tad-dħul.

Rigward l-infiq, aħna nistmaw li r-rata ta' żball kumplessiva baqgħet **stabbli – 2,7 %** għall-2019 meta mqabbla ma' 2,6 % għall-2018. Dan il-punt ewlieni ovvjament jaħbi differenzi konsiderevoli bejn l-oqsma ta' politika.

Fil-qasam tal-**Kompetittività**, aħna stmajna żieda fir-rata ta' żball (**4 %**), li fil-biċċa l-kbira kienet relatata ma' spejjeż ineliġibbli.

Fir-**Riżorsi Naturali**, aħna osservajna titjib li ġab il-livell ta' żball stmat għal **1,9 %**.

Bħal fis-snin ta' qabel, ma sibna l-ebda żball materjali fil-qasam tal-**Amministrazzjoni**.

Fil-**Koeżjoni**, b'kont meħud tal-korrezzjonijiet li saru mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, aħna stmajna li l-livell ta' żball f'dan il-qasam huwa ta' **4,4 %**, li huwa aktar baxx minn dak tas-sena l-oħra, iżda xorta waħda għadu materjali. Barra minn hekk, jekk l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jirranġaw in-nuqqasijiet li sibna fl-istimi proprji tagħhom tal-iżball fis-snin li ġejjin, hemm imnejn li aħna nkunu tassew f'pożizzjoni li nagħmlu użu akbar mix-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri, iżda għadna ma wasalniex f'dak il-punt. Naf li l-Kummissjoni għandha determinazzjoni qawwija biex tilħaq dan l-għan, u aħna neħtieġu sforzi kbar fil-livelli kollha biex nilħquh.

Sinjuri,

Għal bosta snin għamilna differenza bejn l-infiq li nqisu li huwa b'**riskju għoli**, pereżempju dak fil-qasam tal-Koeżjoni fejn il-ġestjoni hija kondiviża mal-Istati Membri, u l-infiq li nqisu li huwa b'**riskju baxx**. L-infiq b'**riskju għoli** fih żball materjali f'rata stmata ta' **4,9 %** (2018: 4,5 %). Li ġara fl-2019 huwa li kien hemm żieda (53 %) fil-**proporzjon** ta' nfiq b'**riskju għoli**, b'mod partikolari fil-qasam tal-Koeżjoni. Dan fih innifsu mhuwiex problema – iżda jirriżulta fil-fatt li l-biċċa l-kbira mill-popolazzjoni li awditjajna issa hija milquta minn żball materjali – l-iżball għalhekk huwa pervażiv. U dan huwa għalfejn - għas-sena finanzjarja 2019 - il-Qorti tal-Awdituri ddeċidiet li toħroġ **opinjoni avversa** dwar l-infiq, aktar milli opinjoni kwalifikata bħalma għamlet fis-snin ta' qabel.

Dan **ma għandux** jitqies bħala xi tip ta' att tal-akkuża fil-konfront tal-Kummissjoni waħedha – wara kolloxx l-**awtoritajiet tal-Istati Membri** kollha jimmaniġġjaw bejn wieħed u ieħor 74 % tal-infiq tal-UE. Kull entità għandha rwol fil-katina, u s-simplifikazzjoni eċċessiva mhi se twassalna mkien. **Lanqas** ma għandu jitqies

bħala sinjal ta' xi **rigress** fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Jekk tħarsu lejn is-sitwazzjoni ta' 10 snin ilu, għamilna ħafna progress.

Lil hinn mill-punt ewlieni ġenerali għall-2019, il-konklużjonijiet tagħna għall-oqsma ta' nfiq differenti huma **varjati ħafna**, u naf li intom qed tikkunsidrawhom meta tħejju d-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kwittanza.

Sur President, Sinjuri,

Hekk kif nimxu 'l quddiem nixtieq ninsisti rigward tliet problemi globali.

L-ewwel nett, kieku xtaqt li minflok qed niddiskuti dwar il-proċeduri ta' nomina fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, hekk kif se tagħmlu intom aktar tard din il-ġimgħa – għalkemm dawn huma importanti – inkunu nistgħu naraw diġà lill-UPPE jieħu azzjoni, fejn jagħti effett tanġibbli u reali li **jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE** kontra l-irregolaritajiet u l-frodi; eżattament daqslikieku kienu l-interessi finanzjarji nazzjonali. Wasal iż-żmien li dan l-Uffiċċju jibda jaħdem u jkollu r-riżorsi xierqa, u naf li l-Kap Prosekutur u intom determinati ferm li taraw li dan iseħħ. Il-Qorti tal-Awdituri hija ovvjament ħerqana li tappoġġa dan l-isforz kull fejn ikun possibbli, f'konformità mal-mandat tal-awditjar tagħha.

It-tieni, nosservaw li r-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri jissemmew bħala wieħed mis-sorsi possibbli ta' informazzjoni li jikkontribwixxu għall-valutazzjonijiet kwalitattivi magħmula mill-Kummissjoni skont ir-Regolament 2020/2092 (ir-“reġim ġenerali ta' **kondizzjonalità** għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni”). Billi rrikonoxxa dak li huwa ovvju, jiġifieri li hemm “relazzjoni ċara bejn ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba”, il-leġiżlatur tal-UE stabbilixxa limitu ċar li issa jrid jiġi infurzat fil-prattika fejn ikun meħtieġ. Nixtieq nilqa' l-fatt li bosta mir-rakkomandazzjonijiet tagħna ġew ikkunsidrati matul il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet, notevolment il-pożizzjoni tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali ta' fondi tal-UE.

It-tielet, fir-rapporti tagħna ħafna drabi ġbidna l-attenzjoni tagħkom għall-fatt li ħafna Stati Membri qed ikomplu jiffaċċaw diffikultajiet fl-**assorbiment** tal-fondi tal-UE, huma x'inhuma l-għanijiet jew ir-rekwiżiti stabbiliti fil-livell politiku. Din id-diffikultà kkontribwiet għal inflazzjoni tal-impenji pendenti, li laħqu EUR 298 biljun sa tmiem l-2019. Dan ifisser li dawn il-flus għad iridu jintużaw b'mod tajjeb, hekk kif intenzjonat mil-leġiżlaturi. Din il-problema tal-arretrati ta' nfiq trid tiġi indirizzata b'mod urġenti mill-Istati Membri kkonċernati.

Nieħu wkoll l-opportunità ta' dan id-dibattitu biex nagħmel żewġ kummenti pjuttost prattiċi u li jħarsu lejn il-ġejjieni.

Bit-tnedija ta' "Next Generation EU", aħna qed nistennew li l-infiq tal-UE kważi se jirdoppja fis-snin li ġejjin. Dan diġà ddiskutejn timer fil-Kumitat CONT l-aħħar darba li kellimtkom f'Novembru, u ridt ninfurmakom li bħalissa qed nivvalutaw xi jfisser dan għalina l-awdituri – f'termini kemm ta' **dmirijiet** kif ukoll ta' riżorsi meħtieġa. Jidher ovvju li dan se jkollu implikazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-**persunal** – u nittama li nkun nista' nagħornakom dwar dan f'qasir żmien.

L-aħħar nett, nixtieq niġbed l-attenzjoni għar-rapport pilota tal-Qorti intitolat "Rapport dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – Status fi tmiem l-2019" li jirrispondi għax-xewqat ta' ħafna f'dan il-Parlament li jaraw aktar enfasi fix-xogħol tal-awditjar tagħna fuq il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE u li tiġi vvalutata l-informazzjoni li l-Kummissjoni tipprovdi f'dak ir-rigward.

Sinjuri, u nikkonkludi hawnhekk,

F'dawn iż-żminijiet ta' kriżi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom responsabbiltà tremenda biex jimmaniġġjaw il-finanzi tal-UE b'mod tajjeb u effiċjenti. Ir-rapport annwali tagħna, li għandi l-pjaċir niddiskuti magħkom illum, juri li huma meħtieġa **aktar sforzi**. U intom, bħala Membri tal-Parlament li ġejtu eletti direttament, għandkom **responsabbiltà kbira** fl-eżerċitar ta' kontroll leġiżlattiv u politiku biex tiżguraw li dan iseħħ.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.